# ĦAL KIRKOP

## u l-inħawi ta' madwaru

EDITUR

H.C.R. VELLA

To the University Library
Melitensia
with compliments
15-1.01

# ĦAL KIRKOP

## U L-INĦAWI TA' MADWARU

L-EWWEL VOLUM

*Editur*
Horatio C.R. Vella

Msida-Malta
2000

254633

Copyright © H.C.R. Vella, 2000

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil- kondizzjoni li ma jkunx misluf, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn, f'xi għamla oħra ta' qoxra jew legatura, ħlief kif inhu ppublikat. L-ebda tibdil ma jista' jseħħ fih mingħajr il-permess bil-miktub tal-Pubblikatur. L-ebda silta minn dan il-ktieb ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Pubblikatur.

Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru/editjat minn Horatio C.R. Vella-
University of Malta Press, 2000

v.: ill., maps, plans; cm.

Includes bibliographical references

ISBN 99932 - 0 - 085 - 9

1. Ħal Kirkop - History

I. Vella, H.C.R., 1952 -

DDC: 945.8543 LC: DG999.K5H3

Melitensia Classification: MZ8 KIR

Stamperija ta' l-Università
Msida, Malta

# Werrej

*DAĦLA,*
Reverendu Dun Karm Camilleri,
Kappillan ta' Ħal Kirkop — paġna v

*NOTA TA' L-EDITUR* — paġna vi

*LISTA TA' ILLUSTRAZZJONIJIET* — paġna ix

*L-EWWEL KAPITLU:*
Il-Wirt Arkeoloġiku
*Anthony Bonanno* u *Nicholas C. Vella* — paġna 1

*IT-TIENI KAPITLU:*
Ħal Kirkop sal-1592
Stanley Fiorini — paġna 24

*IT-TIELET KAPITLU:*
L-Ewwel Reġistru tal-Parroċċa: 1592-1679
*Horatio C.R. Vella* — paġna 48

*IR-RABA' KAPITLU:*
Il-Flora u l-Veġetazzjoni
Edwin Lanfranco — paġna 142

*IL-ĦAMES KAPITLU:*
Il-Ġeografija
*John A. Schembri* u *Kurt Bonnici* — paġna 150

*APPENDIĊI:*
Lista tal-Kappillani ta' Ħal Kirkop — paġna 162

# Daħla

Ikolli ngħid li r-raħal ta' Ħal Kirkop issa għandu parti kbira mill-istorja tiegħu miġbura u miktuba minn nies li jafu sewwa s-suġġett tagħhom. Dr. Horace Vella, li għoġbu jippublika dan il-ktieb ***Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru***, qed juri li huwa mhux biss reżident li ħabb lil dan ir-raħal, iżda bniedem li jinteressa ruħu minn dak kollu li sawwar u għaqqad flimkien dan il-lokal sa' mill-oriġini tiegħu. B'hekk inħoss li qiegħed ikompli jagħti identità lil Ħal Kirkop.

Jiena ċert li ħafna ser ikunu dawk li ser jakkwistaw kopja ta' dan il-ktieb għaliex fih issib minjiera ta' informazzjoni li tpaxxi lil kull min iħobb jaqra fuq raħal twelidu. Naf li nofs in-nies ta' Ħal Kirkop daħlu joqgħodu fih matul dawn l-għoxrin sena; imma jibqa' l-fatt li biex tintegra f'post, trid tkun taf sewwa fejn issa niżżilt l-għeruq tiegħek.

Meta nitkellmu dwar Ħal Kirkop, inkunu qed insemmu parroċċa li ġiet imwaqqfa 408 sena ilu b'digriet li jġib id-data tad-29 ta' Mejju, 1592. Iżda l-Arkeoloġija turina li dan ir-raħal, li l-motto tiegħu huwa ***Parva, non iners***, kien diġà abitat sa' minn eluf ta' snin ilu. Xhieda ta' dan huma l-fdalijiet Neolitiċi, Puniċi, Rumani u Paleokristjani. Dan l-aħħar, it-territorju ta' Ħal Kirkop ċkien ħafna mħabba l-bini tal-mitjar il-ġdid, u mħabba li xi nħawi minnu ngħaqqdu ma' lokalitajiet oħra. Kieku kellna nitkellmu minn Ħal Kirkop ta' qabel il-gwerra, żgur li kien ikollna iżjed siti arkeoloġiċi u postijiet ta' interess.

Min-naħa tiegħi, nifraħ li għandna f'idejna letteratura serja dwar ir-raħal tagħna. Nifraħ lil Dr. Horace Vella u l-awturi kollha li ħadmu fuq dan il-ktieb.

**Dun Karm Camilleri,**
*Kappillan ta' Ħal Kirkop.*
*Awissu, 2000.*

# Nota ta' l-Editur

Xtaqt nirringrazzja l-ewwelnett lir-Reverendu Kappillan ta' Ħal Kirkop tal-koperazzjoni, inkoraġġiment u ispirazzjoni sabiex dan ix-xogħol jibda, jitkompla u jissokta. Il-Kappillan jiżra' fi żmien opportun, u stenna sakemm ra mhux biss id-disponibbiltà ta' nies kompetenti li jiktbu b'mod serju fuq ir-raħal, imma wkoll iż-żmien propizju, dan iż-żmien tal-Ġublew il-Kbir.

Kif qal tant tajjeb Verġilju, *Non omnia possumus omnes* (*Buk.*8.60), jiġifieri, "Aħna lkoll ma nistgħux nagħmlu kollox", u la darba jien minix kollox u kulħadd, dort fuq il-ftit biex jiktbu fuq xi ħaġa. Bħala *Lecturer* fl-Università ta' Malta, kelli opportunità li navviċina speċjalisti kollegi tiegħi, u aċċettaw b'idejhom miftuħa. Dawn kollha nixtieq nirringrazzjhom mill-qalb, jiġifieri, lill-Professur Anthony Bonanno, lis-Sur Kurt Bonnici, lill-Professur Stanley Fiorini, lis-Sur Edwin Lanfranco, lis-Sur John A. Schembri, u lil Dr. Nicholas C. Vella.

Kif wieħed jista' jintebaħ, il-ħames kapitli li għandna f'dan il-volum huma ta' żewġ tipi: l-ewwel tip huwa storiku, it-tieni deskrittiv. Nixtieq hawn infisser lili nnifsi.

Il-flora, il-veġetazzjoni u l-ġeografija kienu magħna minn qabel il-wasla tal-bniedem f'Ħal Kirkop; imma t-tagħrif xjentifiku li tawna l-awturi japplika wkoll għaż-żmien ta' llum. Minn naħa l-oħra, l-arkeoloġija u l-istorja tasal sa ċertu data, li fil-każ tagħna ddeċidejna tkun l-1679, d-data li biha jispiċċa l-ewwel Reġistru tal-Parroċċa tagħna. Minħabba dan, ħassejt li kelli nibda dan il-volum bil-parti storika, u dik kronoloġikament.

Sa l-1679, għandna l-bidu ta' l-abitazzjoni deskritta f'diversi epoki, kif ukoll il-bidu tal-formazzjoni tar-raħal u, aktar tard, tal-parroċċa taħt l-ewwel kappillani. Ma jistax jonqos li l-istorja ta' Ħal Kirkop tkompli minn din id-data, b'ingredjenti oħra bħalma hi l-arti u l-arkitettura, f'volum ieħor, li ġa qiegħed jinħadem.

Bħala editur, ippruvajt nirrispetta l-opinjoni ta' kull awtur kemm fuq il-materja tiegħu, kif ukoll fuq il-metodoloġija li uża. Minħabba f'hekk, jista' jkun hemm xi konflitt bejn xi awturi storiċi fuq xi avveniment: dan m'għandux iħawdilkom moħkom, għaliex minkejja li x-xewqa ta' kulħadd hi waħda, dik li nsibu l-verità, ma' dan kollu rridu nammettu li *tot orologii, tot philosophi*, jiġifieri, li "daqs kemm hemm arloġġi (u dawn ma jaqblux bejniethom), daqshekk ieħor hemm filosfi". Dwar il-metodoloġija, ikollna nammettu li din dvarja minn dixxiplina għall-oħra, u għalhekk kont nagħmel iktar ħsara kieku kont riġidu nitlob forma waħda ta' preżentazzjoni. Dwar l-ortografija, ukoll hawn ma kienx hemm qbil. Għalhekk nixtieq nitqarr li fejn mhux indikat, l-ortografija kienet ir-responsabbiltà tiegħi, u nirringrazzja lil dawk l-awturi li afdaw din il-ħaġa f'idejja.

Fl-aħħarnett, nixtieq infisser li dan ix-xogħol sar bil-Malti sabiex ikun jista' jinqara minn kulħadd. Imma rridu nammettu wkoll li mhux kulma hu miktub bil-Malti hu ħobż għal kulħadd. Dan hu xogħol xjentifiku li sar fl-Università ta' Malta, miktub biex ikun mifhum minn ħafna li għandhom għal qalbhom it-tagħrif fuq pajjiżhom, Malta in ġenerali, Ħal Kirkop in partikulàri, mingħajr ma huma esklużi l-irħula ta' madwar dan ir-raħal. Huwa volum li jista' jkun ta' referenza mhux biss għall-kittieba u studjużi, iżda wkoll ta' dawk li għandhom xi interess sabiex il-wirt li għandna nibżgħu għalih, ngħożżuh u ngħadduh għal ta' warajna.

**Horatio C. R. Vella**
*Diċembru 2000*

## Lista ta' Illustrazzjonijiet


Qoxra ta' barra:
Quddiem: L-arkata ta' San Ġakbu
Wara: L-ewwel fonti tal-Magħmudija ta' Ħal Kirkop
(Disinji ta' Brian Caruana)
Mappa ta' Ħal Kirkop
(Figura 1 minn Dr N.C.Vella) Paġna 13
Il-Menħir ta' Ħal Kirkop
(Ritratt minn B. Caruana) Paġna 14
Il-Menħir ta' Ħal Kirkop
(Figura 2 minn Dr N.C. Vella) Paġna 15
Birmiftuħ: Ġebel Kbir fuq Ċisterna
(Ritratt minn Prof A. Bonanno) Paġna 16
Birmiftuħ: Megaliti ta' Dawret il-Gudja
(Ritratt minn Prof A. Bonanno) Paġna 16
Iż-Żurrieq: Binja Punika
(Figura 3 minn Dr N.C. Vella) Paġna 17
Ħuttaf Gandolf: Qabar
(Figura 4 minn Dr N.C. Vella) Paġna 18
Tad-Dawl Villa Romana
(Figura 5 minn Dr N.C. Vella) Paġna 19
Tad-Dawl: Magħsar f'Villa Romana
(Figura 6 minn Dr N.C. Vella) Paġna 20
Ħal Safi: Ħajt Ruman
(Ritratt minn Prof A.Bonanno) Paġna 20
Ħal Safi: Katakombi tax-Xarolla
(Ritratt minn Prof. A. Bonanno) Paġna 21
L-Imqabba: Katakombi tal-Mintna
(Ritratt minn Prof. A. Bonanno) Paġna 21
Ħal Kirkop: Sqaq il-Ħarruba: Katakombi
(Figura 7 minn Dr N.C. Vella) Paġna 22
Ħal Kirkop: Qasam tad-Djar 2: Katakombi
(Figura 8 minn Dr N.C. Vella) Paġna 23

L-ewwel Fonti tal-Magħmudija ta' Ħal Kirkop
(Ritratt minn Dun Karm Camilleri) Paġna 47

Iċ-Ċimiterju/Kappella ta' San Ġakbu, Ħal Kirkop
(Figura 1 minn Dr H.C.R. Vella u B. Caruana) Paġna 132
Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu, Ħal Kirkop
(Ritratt minn B. Caruana) Paġna 133
Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu: disinn ta' fuq
(Ritratt minn B.Caruana) Paġna 134
Pasaġġ mill-Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu
(Ritratt minn Dr H.C,R. Vella) Paġna 135
Ġebel Antik Maħdum fejn kienet il-kappella ta' San Ġakbu
(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 135
Ġebla antika skulturata fejn kienet il-kappella ta' San Ġakbu
(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 136
Iċ-Ċimiterju/Kappella ta' San Nikola u Kappella ta' San Ġwann Battista, Ħal Kirkop
(Figura II minn Dr H.C.R. Vella u B. Caruana) Paġna 136
It-Triq l-Antika lejn Birmiftuħ biċ-Ċimiterju ta' San Nikola fuq il-lemin
(Ritratt meħud minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 137
Ġebla Antika ta' Ċaċċis ta' Bieb maċ-ċint tat-triq l-antika ta' Birmiftuħ ħdejn iċ-ċimiterju l-antik ta'San Nikola
(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 137
Ġebel Antik Maħdum (u bit-tajn antik) fejn kienet il-kappella ta' San Nikola
(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 138
Ġebel Neolitiku (?) fejn kienet il-Kappella ta' San Nikola
(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella) Paġna 138
Kappella tal-Lunzjata
(Ritratt minn B. Caruana) Paġna 139
Kappella tal-Lunzjata (disinn fuq il-bieb)
(Ritratt minn B. Caruana) Paġna 139
Kappella tal-Lunzjata (minn ġewwa)
(Ritratt minn Dun Karm Camilleri) Paġna 140
Pittura tal-Kruċifissjoni
(illum fil-Lunzjata, Ħal Kirkop)
(ritratt minn Dun Karm Camilleri) Paġna 140
Pittura ta' l-Assunzjoni
(illum fil-Lunzjata, Ħal Kirkop)
(Ritratt minn Dun Karm Camilleri) Paġna 140
Misraħ Ħal Kirkop, Sqaq Sant' Indrija u s-Salib tal-Ġebel
(Il-Kappella ta' l-Assunzjoni probabilment kienet f'dan l-isqaq)
(Ritratt minn B. Caruana) Paġna 141

Reservoir, Ħal Kirkop
(Ritratt minn E. Lanfranco) Paġna 148
Persikarja Muswafa (Reservoir, Ħal Kirkop)
(Ritratt minn E. Lanfranco) Paġna 148
Pepprina
(Ritratt minn E. Lanfranco) Paġna 149
Is-Siġra tat-Tabakk
(Ritratt minn E. Lanfranco) Paġna 149

Mappa ta' Ħal Kirkop biż-żona l-qadima mmarkata
(Figura 1) Paġna 158-9
Mappa ta' Ħal Kirkop (għeluq is-seklu 19)
(Figura 2 minn G. Strickland *et al.*) Paġna 160
Mappa tax-Xlokk ta' Malta
(Figura 3) Paġna 161

# IL-WIRT ARKEOLOĠIKU TA' ĦAL KIRKOP

ANTHONY BONANNO U NICHOLAS C. VELLA*

## Topografija

Ħal Kirkop huwa raħal żgħir li, bħal ħafna rħula oħra Maltin, ma nħoloqx minħabba il-preżenza fuq il-post ta' faċilitajiet ta' difiża naturali, bħal irdumijiet madwaru, jew ta' xi għajn ta' ilma ġieri biex isostni il-popolazzjoni tiegħu, iżda aktarx li nħoloq bi proċess twil ta' żvilupp spontanju ta' numru żgħir ta' djar li nbnew waħda wara l-oħra f'salib it-toroq li jgħaqqdu l-irħula kbar ta' madwar: l-Imqabba mill-majjistral, Ħal Luqa mit-tramuntana, il-Gudja mill-grigal u il-Qrendi u ż-Żurrieq min-naħa ta' lbiċ. Xhieda ta' dan huma l-għadd ta' toroq li jiltaqgħu f'nofs ir-raħal u li jieħdu għall-irħula ta' madwar (Guillaumier 1987: 361-6).

Il-ħâra ta' Ħal Kirkop, infatti, hija x'aktarx ċatta, bla għoljiet [Figura 1, p. 13], iżda hija mogħnija b'riżorsa naturali ta' minerali, il-ġebla tal-franka, li hija minn ta' l-aħjar kwalità. M'hemmx dubju li l-attività industrijali msejsa fuq din ir-riżorsa naturali kellha sehem determinanti fl-għażla tal-post għall-abitazzjoni u għall-bidu u għat-tisħiħ ta' dan ir-raħal.

## Żmien Neolitiku

Għalkemm ma neskludux il-possibiltà li bnedmin ta' Żmien il-Ħaġar Bikri (il-Paleolitiku) għammru fuq l-art li llum jiffurmaw il-gżejjer Maltin, iżda li għal eluf ta' snin fiż-Żminijiet tas-Silġ kienet magħquda mal-kontinent Ewropew, l-ewwel xhieda inkonfutabbli tal-preżenza ta' bnedmin f'Malta tmur lura biss għal Żmien il-Ħaġar Waħħari (in-Neolitiku). Dawn l-ewwel bnedmin kienu bdiewa u raħħala li qasmu minn Sqallija u bdew jgħammru f'dawn il-gżejjer madwar 5000 sena q.K. Magħhom ġabu l-ewwel eżemplari ta' żrieragħ (bħal qamħ u farru) u ta' annimali domestiċi (mogħoż, nagħaġ u baqar) biex setgħu jgħixu mill-uċuħ tar-raba' li bdew ikabbru u mill-merħliet li bdew irabbu.

Wieħed josserva li l-formazzjoni ġeoloġika tal-ħâra ma fihiex għerien. Kienu l-għerien bħal, ngħidu aħna, Għar Dalam qrib Birżebbuġa, li sa mill-bidunett tal-preżenza umana f'dawn il-gżejjer, ipprovdew kenn tajjeb biex wieħed jgħammar fihom. Ma ninsewx, iżda, li l-ewwel bnedmin li għammru f'Malta kienu wkoll joqgħodu f'għerejjex miġburin f'irħula żgħar fil-beraħ.

Madankollu, dawn l-għerejjex kienu mibnijin b'materjali li jitmermru u jgħibu fix-xejn wara ftit snin, u ftit li xejn ħallew fdalijiet tagħhom li jistgħu jinsabu mill-arkeoloġi. Huwa għalhekk li f'Malta kollha nstabu fdalijiet ta' raħal wieħed ta' dan iż-żmien bikri, jiġifieri, ir-raħal Neolitiku ta' Skorba (Trump 1966). F'Għawdex kollu nstabu biss traċċi żgħar ta' għarix f'Taċ-Ċawla (Calvert 1995). Ma nistagħġbux, mela, li s'issa ma nstab xejn bħal dan fin-naħa ta' Ħal Kirkop, la ġewwa r-raħal innifsu u l-anqas fil-qrib tiegħu. Dan l-anqas ma jfisser li l-art ta' madwar m'għadhiex tostor fdalijiet bħal dawn; u dan jgħodd għaż-żminijiet l-oħra kollha li ġew wara, minn żmien it-tempji megalitiċi sal-Medjuevu.

**Żmien it-Tempji Megalitiċi**

Għall-ħabta ta' 4000 sena q.K., jidher li qasmu għal Malta minn Sqallija gruppi ta' bnedmin oħra li ġabu magħhom xorta ta' fuħħar li l-għamla u t-tiżjin tagħhom kienu għal kollox differenti minn dawk tal-fuħħar ta' qabel. Minn dan iż-żmien 'l quddiem, l-abitanti tal-gżejjer Maltin bdew proċess ta' żvilupp kulturali li, bejn it-3600 u l-2500 q.K., wassalhom biex tellgħu binjiet li ma ssibx imkien bħalhom fid-dinja, it-tempji megalitiċi. Għall-ewwel, dawn kienu strutturi żgħar u sempliċi, mibnijin b'ġebel żgħir u bit-tafal; iżda biż-żmien bdew jikbru fid-daqs kemm tal-binja nnifisha, kif ukoll tal-ġebel, u bdew isiru iktar u iktar sofistikati fil-pjanta tagħhom.

U la qed nitkellmu fuq it-tempji megalitiċi, ta' min isemmi li fdalijiet ta' ġebel kbir, li aktarx kienu jagħmlu parti minn xi bini bħal dawn, għadek tista' tarah mal-ġenb tat-triq f'Dawret il-Gudja, qrib il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ (ara ritratt, p. 16), mhux iktar minn kilometru l-bogħod minn Ħal Kirkop, lejn il-grigal (Evans 1971: 230; *M.A.R.* 1991: 81). Barra minn dawn, studjużi tal-preistorja ta' Malta jsemmu fdalijiet oħra ta' ġebel kbir li kienu jidhru fl-istess inħawi (Evans 1971: 230). Fil-fatt, ma' dawn wieħed jista' jżid xi tlett ġebliet kbar li llum jiffurmaw il-ħerża ta' bir, kif ukoll ħawt kbir, ftit metri 'l bogħod mill-faċċata ta' l-istess knisja ta' Bir Miftuħ (ara ritratt, p. 16).

Għaldaqshekk, fdalijiet bħal dawn huma xhieda li dawn l-abitanti bikrin ta' dawn l-inħawi kellhom bini fejn kienu jqimu l-allat tagħhom bħal ma kienu jagħmlu sħabhom ta' Ħagar Qim u ta' l-Imnajdra, kif ukoll dawk ta' Ħal Tarxien. Ma ninsewx li Ħal Kirkop jinsab bejn dawn iż-żewġt imqades kbar, u wieħed jista' jobsor li kull min kien iterraq bejn dawn it-tempji, aktarx kien jgħaddi minn dawn l-inħawi. Ma ninsewx ukoll li l-imqades qatt ma setgħu kienu jeżistu fil-baħħ tax-xagħri; ma setgħux kienu 'l boghod iżżejjed mill-abitat u, għalhekk,

il-preżenza ta' maqdes timplika l-preżenza ta' abitazzjoni ta' komunità madwarha, jiġifieri, ta' raħal, żgħir kemm hu żgħir. Xhieda ta' dan instabet fi Skorba, ħdejn iż-Żebbiegħ, fit-tramuntana ta' Malta (Trump 1966), u f'Għajnsielem, Għawdex (Malone *et al.* 1988).

**Żmien il-Bronż**

Lejn in-nofs tat-tielet millennju qabel Kristu (madwar 2500 q.K.), il-pajżaġġ ta' madwar Ħal Kirkop għadda mill-istess trawma li għaddew minnu il-gżejjer Maltin. Ma nafux eżatt x'ġara; nafu żgur li l-kultura tat-Tempji majnat u għebet f'daqqa waħda minn fuq wiċċ dawn il-gżejjer. Naħsbu li n-nies kollha li kienu jgħixu f'Malta fil-fażi ta' *Tarxien,* ftit qabel dik id-data (jiġifieri madwar 2500 q.K.), meta kienu laħqu l-quċċata tal-iżvilupp kulturali tagħhom, kellhom jitilqu bi ħġarhom minn arthom (Bonanno 1986), iżda ma nafux fejn setgħu marru. Hemm min jaħseb li kull ma ġara kien li kien hemm taqlib fl-ordni soċjali, u l-mexxejja politiċi u reliġjużi ta' qabel twarrbu u laħqu flokhom oħrajn mill-klassi maħkuma (Stoddart *et al.* 1993; Stoddart 1999: 141-2). Iżda jekk wieħed jifli l-fdalijiet arkeoloġiċi ta' wara din id-data u jqabbilhom ma' dawk ta' qabel, jasal għall-konklużjoni li n-nies li għammru l-gżejjer Maltin wara kienu għal kollox differenti minn dawk ta' qabel. M'hemm assolutament l-ebda ħjiel ta' kontinwità bejn kultura u oħra, ħlief il-preżenza ta' fuħħar griż impurtat minn barra (Bonanno 1999).

Jista' jkun li kien hemm xi snin li fihom dawn il-gżejjer ma kienux abitati minn ħadd. Kull ma nafu hu li fit-tieni nofs tat-tielet millennju u fl-ewwel nofs tat-tieni millennju qabel Kristu (2500-1500 q.K.), għammru f'Malta nies li kellhom teknoloġija iktar avvanżata (għaliex kienu jużaw għodod tal-bronż) u kienu jipprattikaw ir-rit funerarju tal-inċinerazzjoni, jiġifieri, minflok jidfnu l-iġsma sħaħ tal-mejtin ġo għerien naturali jew artifiċjali, kif kienu jagħmlu ta' qabilhom, kienu jaħarqu l-iġsma tal-mejtin tagħhom u jidfnu il-fdalijiet maħruqa ġo bwieqi fil-ħamrija f'ċimiterji maħluqa għal dan il-għan 'l fuq minn l-art. S'issa nstab wieħed biss minn dawn iċ-ċimiterji, dak li tqiegħed fuq parti mill-fdalijiet imġarrfa tat-tempji ta' Ħal Tarxien. U għalhekk li l-ewwel fażi ta' Żmien il-Bronż insejħulha "il-fażi taċ-*Ċimiterju ta' Ħal Tarxien*".

Iżda l-inħawi ta' Ħal Kirkop għadhom ma tawniex fdalijiet bħal dawn, l-anqas ta' dawk l-istrutturi msejħin "dolmen" li naħsbu li nbnew f'din il-fażi, u li bħalhom instabu ftit lil hinn minn Ħal Safi (f'Ta' Firminka u Ta' Ħlantun) u lil hinn miż-Żurrieq (Wied Żnuber u l-Brolli). Dawn ġeneralment jinsabu fix-xagħri fuq il-blat, f'tarf ta' xi wied u, għalhekk, f'ambjenti differenti minn dak ta' Ħal Kirkop (Evans 1971: 193-8; D'Arragon 1994).

Din l-istess fażi tal-preistorja, min-naħa l-oħra, hija rrappreżentata f'Ħal Kirkop bi preżenza ta' monument ieħor tipiku ta' din il-fażi: il-"menħir." Dan qiegħed eżattament f'tarf ir-raħal, fi Triq il-Belt (*M.A.R.* 1913-14: 3). Jikkonsisti f'ħaġra waħda wieqfa, marbuta ma' l-ebda struttura oħra [Fig. 2, p. 15, u ritratt, p. 14]. Oriġinarjament, aktarx kienet lixxa minn fuq s'isfel, iżda biż-żmien ittieklet f'xi partijiet. Għalkemm hu maħsub li fil-qedem kien hemm iktar minn dawn il-ġebliet wieqfa u li aktarx bejniethom kienu jagħmlu xi disinn li jfisser xi ħaġa, il-menħir li baqgħu huma ftit wisq biex noħorġu minnhom xi tifsira. L-eqreb żewġ menħir li għadhom jeżistu huma dawk ta' Ħal Far (Ta' Għammar u Ta' Sant'Anġlu), xi tlett kilometri 'l bogħod minn seħibhom ta' Ħal Kirkop, lejn ix-xlokk, u ma jidhrux li għandhom xi rabta miegħu (Evans 1971: 198-9).

Il-menħir huma monumenti arkeoloġiċi preistoriċi tipiċi tal-Bretanja, fi Franza tat-tramuntana, li ħadu isimhom mill-ilsien mitkellem hemm. Iżda il-menħir li l-iktar jixbħu lil dawk ta' Malta huma dawk tal-Pulja, fl-Italja t'isfel. Hawn min jaħseb li l-menħir għandhom x'jaqsmu mal-qima ta' xi alla jew allat tas-sema. Oħrajn jaħsbu li għal min ħoloqhom kienu jfissru l-għamara ta' xi alla (*beth-el/baetylus*). Iżda qatt ma nistgħu nkunu ċerti xi jfissru verament għaliex ma għandna l-ebda kitba ta' żmienhom.

Wara il-fażi taċ-*Ċimiterju ta' Ħal Tarxien,* Żmien il-Bronż ra żewġ fażijiet oħra, dik ta' *Borġ in-Nadur* u, fl-aħħar, dik tal-*Baħrija*. Iżda dawn huma kkaratterizzati minn abitati, gruppi ta' għerejjex, mibnijin fuq għoljiet imdawwra b-irdumijiet biex jistgħu jifilħu għal xi ħbit minn barra. Fejn kien jinħtieġ, kienu jissaħħu bil-bini ta' swar magħmulin minn ġebel imdaqqas iżda mhux maħdum. L-iktar raħal fortifikat importanti ta' din ix-xorta huwa dak ta' Borġ in-Nadur, imrikkeb fuq il-promontorju li jifred żewġ widien, Wied Dalam u Wied Has-Saptan, ftit il-barra minn Birżebbuġa. Iżda, għal darba oħra, Ħal Kirkop għandu topografija differenti u, għalhekk, huwa nieqes minn dawn ix-xorta ta' abitati.

**Il-Feniċi**

Fil-gżejjer Maltin, il-preistorja tasal fi tmiemha lejn l-aħħar tat-tmien seklu q.K. meta jibdew jidhru l-ewwel sinjali tal-preżenza f'Malta ta' nies li kienu jużaw il-kitba, jiġifieri, il-Feniċi. Il-Feniċi kienu l-abitanti ta' numru ta' bliet fuq ix-xatt tas-Sirja-Palestina (illum il-Libanu), li l-iktar magħrufin minnhom kienu Tir u Sidun. Fil-fatt, huma kienu jissejħu bl-isem ta' belt twelidhom, bħal "Tiri" jew "Siduni"; l-iżjed l-iżjed kienu jingħarfu kollettivament bħala "Kananej". Kienu l-Griegi li kienu jsejħulhom "Feniċi" (*Phoinikes*), mill-kulur

vjola tad-drappijiet prezzjużi li kienu jipproduċu. Mit-tnax is-seklu 'l quddiem, il-bliet Feniċi sabu ruħhom maħnuqa mill-potenzi kbar tal-Lvant, bħall-Eġizjani u l-Assiri, li kienu kontinwament jitqabdu bejniethom biex iżommu dawn il-bliet strateġiċi taħt il-ħakma tagħhom; u, għalhekk, il-Feniċi tawha għat-tbaħħir u għall-kummerċ marittimu.

Fil-punent tal-Mediterran, sabu art għammiela fejn iħaddmu il-kummerċ tagħhom billi jpartu l-prodotti maħduma tagħhom, fosthom il-ħġieġ u d-drappijiet, ma' minerali mhux maħduma ta' l-abitanti tal-lokal: deheb, fidda, ram u ġiża. Bil-mod il-mod, bdew joħolqu kolonji li biż-żmien saru bliet li kienu jħaddnu fihom kemm Feniċi kif ukoll nies tal-lokal. Bliet bħal dawn kienu Gadez fi Spanja u Liksus fil-Marokk, Utika fit-Tuneżija, Nora f'Sardinja, u Możja fi Sqallija. Iżda l-iktar waħda magħrufa kienet Kartaġni, fit-Tuneżija, li biż-żmien ħadet f'idejha ir-riedni tal-kolonji Feniċi kollha tal-Punent tal-Mediterran fil-ġlieda tagħha għall-poter mal-qawwiet l-oħra tal-Mediterran, l-ewwel il-Griegi u, imbagħad, ir-Rumani.

Ma nafux eżatt x'tip ta' attività kienu jipprattikaw f'dawn il-gżejjer fil-bidu tal-permanenza tagħhom hawn. Aktarx li kienu gruppi żgħar ta' Feniċi li bdew jgħammru f'Malta flimkien bil-qraba tagħhom f'nofs l-abitanti indiġeni biex jaqdu l-ħtiġijiet tat-tpartit kummerċjali tagħhom; u biż-żmien, kotru u tħalltu ma' l-indiġeni u dakkruhom bil-kultura semitika tagħhom (Vidal Gonzalez 1996; Said-Zammit 1997). Il-fdalijiet li nstabu fil-ħâra ta' Ħal Kirkop imorru 'lura biss sat-tieni, jew l-aħħar, parti ta' żmien il-Feniċi, meta Malta kienet tagħmel sehem mill-qawwa politika u kummerċjali ta' Kartaġni, magħrufa aħjar bħala l-fażi Punika (madwar 550-218 q.K.). Dawn jikkonsistu f'żewġt oqbra maqtugħin fil-blat taħt l-art. Ipprovajna nsibu l-postijiet eżatti fejn instabu, kemm b'tiftix fl-inħawi kif ukoll bl-għajnuna tal-ktieb li għadu kemm intebaħ fuq it-toponomastika qadima tal-gżejjer Maltin (Wettinger 2000), iżda ma rnexxilniex.

L-ewwel qabar instab fl-1928 fuq art imsejha "Ta' Brillu" jew "Ir-Ramlija" fuq ix-xellug tat-triq li tieħu minn Ħal Luqa għal Ħal Kirkop (*M.A.R.* 1928-29: 4-5). L-eqreb li nistgħu naslu fit-tbassir tagħna fuq il-lokazzjoni ta' dan il-qabar huwa x'imkien fuq in-naħa tal-lvant ta' Triq ir-Ramlija, wara l-fabrika ta' l-*S.T.* Billi nstab waqt qtugħ ta' ġebel minn barriera, aktarx li l-qabar inqered mal-barriera. Sfortunatament, l-ebda illustrazzjoni tiegħu m'għandna, għalkemm nafu li Temi Zammit eżaminah u kejlu. Il-qabar kien magħmul minn trinka rettangolari b'erba' tarġiet fuq ġenb wieħed, li kienet tagħti fuq ġenb

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA

ieħor għal kamra tad-dfin għamla ta' nofs tond. Il-kamra kellha trinka fl-art u niċċa żgħira għall-mużbieħ fuq il-ħajt. Flimkien ma' xi għadam miksur ta' persuna żagħżugħa, instabu xi biċċiet tal-fuħħar taż-żmien Puniku. Ta' min jgħid li ħafna jaħsbu li t-trinka fil-kamra tad-dfin kienet titħaffer biex l-ilma tax-xita li jinżel fil-kamra fix-xitwa jkollu fejn imur bla ma jxarrab u jgħerri l-fdalijiet tal-mejtin u l-oġġetti ta' madwaru, iżda mhux kulħadd jaqbel fuq dan.

It-tieni qabar instab fl-1943 f'għalqa fil-ħâra msejħa "Tal-Imdiek" (ara S.Fiorini, isfel, 32), lejn il-punent ta' Ħal Kirkop (*M.A.R.* 1946-47: **6**). Tkellimna ma' xi xjuħ tar-raħal biex insibu din il-lokalità", iżda ħadd minnhom ma kien jaf biha. Jista' jkun li min kiteb għamel żball u ħallat l-isem "Ta' l-Iblieq" ma' "Triq l-Imdina", li t-tnejn li huma jinsabu fuq in-naħa tal-punent tar-raħal. Ma ninsewx li din is-sejba saret fi żmien il-gwerra, u l-ewwel rapporti tad-Dipartiment tal-Mużew, wara l-1939, reġgħu bdew joħorġu fl-1947.

Dan il-qabar ukoll kellu trinka rettangolari b'sitt tarġiet maqtugħin fil-blat li kienu jinżlu s'isfel sa quddiem il-kamra tad-dfin. Xi ħadd kien diġà daħal fil-kamra u seraq li kien fiha, għaliex il-ġebla li tagħlaq kienet maqlugħa minn postha, u kull ma nstab fiha kien xi biċċiet ta' l-għadam uman u biċċiet żgħar tal-fuħħar tat-tip li wieħed normalment isib fl-oqbra ta' dawn iż-żminijiet. Il-kamra wkoll kienet ta' għamla rettangolari u kellha trinka fl-art ma' tulha, kif ukoll niċċa għall-mużbieħ mal-ħajt.

Għalkemm ma nafu li nstab xejn iżjed fl-inħawi ta' dawn l-oqbra, bħal bini ta' l-istess żmien, wieħed ma jridx jinsa li l-istess oqbra ma setgħux kienu iżolati, u għalhekk jindikaw li x'imkien fil-qrib kien hemm tgħix xi komunità żgħira, imqar familja waħda, li kienet tidfen il-mejtin tagħha fil-qrib. Din il-komunità kienet toqgħod f'xi struttura (dar) li l-fdalijiet tagħha qatt ma nstabu, u kienet tgħix fuq ir-riżorsi agrikoli ta' l-inħawi. Fdalijiet bħal dawn ta' żmien ir-Rumani nstabu iktar lejn it-tramuntana, fil-ħâra msejħa "Tad-Dawl", li ser nitkellmu fuqha iktar 'l quddiem, fil-parti Rumana, iżda li jista' jkun li l-istorja tagħha tmur 'lura sa' żmien il-Puniċi.

Ta' żmien il-Puniċi, iżda 'l barra mit-territorju ta' Ħal Kirkop, wieħed ma jistax ma jsemmix bini kurjuż iżda importanti ħafna li jinsab ġol-qalba taż-Żurrieq. Dan hu l-famuż "Torri" ta' għamla kwadra li jinsab f'tarf il-ġnien mad-dar tal-arċipriet taż-Żurrieq. Lejn it-tmiem tas-seklu tmintax, it-"torri" kellu miegħu fdalijiet strutturali oħrajn, kif naraw mil-pjanta u t-tpinġija li ħallielna l-artist

Franċiż, Jean Houel (1787: 130, tav. CCLIX); Perrot-Chipiez (1885: fig. 261) [Fig. 3, p. 17]. Minn din it-tpinġija, jidher ċar li dan ma kienx xi "torri" iżolat għal għanijiet ta' difiża, iżda kien parti minn bini li d-daqs tiegħu u s-sofistikazzjoni tad-dekorazzjoni arkitettonika tiegħu jindikaw bini imponenti li kien jiddomina l-pajżaġġ ta' madwaru, kemm fiżikament kif ukoll politikament. Dan qed insemmuh hawnhekk għaliex, kienet x'kienet il-funzjoni tiegħu, dan il-bini ma setax ma kellux influwenza fuq l-abitanti tal-ħâra ta' Ħal Kirkop, iktar u iktar jekk kien xi maqdes.

**Ir-Rumani**

Ir-Rumani ħakmu l-gżejjer Maltin għal kważi tmien sekli, mis-sena 218 q.K. sa bejn wieħed u ieħor 535 w.K. Minn rakkont li ħallielna l-istoriku Latin Titu Livju, nafu li fil-bidu tat-tieni gwerra Punika, bejn ir-Rumani u l-Kartaġiniżi, eżattament fis-sena 218 q.K., wieħed mill-konsli Rumani ta' dik is-sena, Tiberju Sempronju Longu, telaq lejn Malta minn Lilybaeum (illum Marsala) fil-punent ta' Sqallija biex jaħbat għall-flotta Kartaġiniża. Fi trieqtu ma ltaqax ma' din il-flotta, iżda meta wasal Malta, ħadd ma waqaflu, minkejja li kien hawn stazzjonat kontinġent ta' ftit inqas minn elfejn suldat. Jgħidilna l-istoriku li l-gżira ċediet bil-belt u l-kontinġent b'kollox. Il-konslu Ruman ħa xi priġunieri miegħu, u minn dak in-nhar 'l quddiem, Malta waqgħet taħt il-ħakma tar-Rumani (LIV. **21**. 51).

Nistgħu ngħidu li sa mill-bidu tal-ħakma Rumana, l-abitanti tal-gżejjer Maltin kienu jgawdu minn ċertu livell ta' tolleranza min-naħa tal-ħakkiem. Huma setgħu jkomplu jqimu l-allat semitiċi tagħhom u jirriproduċu x-xbieha ta' dawn fil-muniti tagħhom. Iżda kien hemm drabi fl-istorja ta' Ruma meta kien hemm gwerra ċivili, u meta partijiet differenti tal-imperu, inkluża Malta, żammew ma' naħa, ma setax jonqos li n-naħa l-oħra ħadet fastidju, u meta ġiet ix-xoqqa f'moxta, pattithielhom billi neħħitilhom xi privileġġi. Hekk naħsbu li ġara fil-każ ta' Malta. Għall-ewwel, il-Maltin ingħataw id-dritt li jistampaw il-muniti tal-bronż tagħhom; iktar tard Għawdex ukoll kellu l-muniti tiegħu. Iżda dan id-dritt jidher li spiċċa wara s-sena 35 q.K. Għall-ewwel, il-Maltin tħallew iqimu l-allat Feniċi tagħhom, iżda wara mitejn sena, insibu biss xhieda ta' qima ta' allat pagani Rumani kif ukoll dik ta' l-imperaturi u ta' xi qraba tagħhom wara li dawn għamluhom allat (Bonanno 1992: 31-2). Grad ta' awtonomija lokali jidher li ngħata lil Malta, kif ukoll lil Għawdex, lejn in-nofs tas-seklu tnejn wara Kristu (*ibid.*: 16).

F'dan l-isfond, il-pajżaġġ ta' Ħal Kirkop ma' jidhirx li nbidel wisq minn dak ta' żmien il-Feniċi: xi razzett 'l hawn u 'l hinn abitat minn familja li kienet tidfen il-mejtin tagħha fil-qrib, f'nofs ir-raba' u x-xagħri. Dan ix-xenarju

jissuġġeruhulna s-sejbiet ta' oqbra bħal dawk ta' żmien il-Puniċi li d-data tagħhom, iżda, taqa' fi żmien il-ħakma Rumana. Numru ta' oqbra minn dawn jissemmew fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' Ħuttaf Gandolf", daqs kilometru lejn il-majjistral ta' Ħal Kirkop. Wieħed minn dawn instab fl-1911 fl-"Għalqa tal-Misis" (*M.A.R.* 1910-11: 9) [Fig. 4, p. 18]. It-trinka ta' għamla kwadrata kienet tagħti għal żewġt ikmamar tad-dfin, waħda fuq in-naħa tat-tramuntana, u l-oħra fuq in-naħa tan-nofsinhar tat-trinka. F'dawn instabu biċċiet ta' oġġetti tal-ħġieġ u tal-bronż, kif ukoll xi fuħħar ta' tip "Puniku". Temi Zammit, l-arkeologu li eżamina dan il-qabar, sar jaf mingħand in-nies ta' l-inħawi li l-barriera ta' maġenb il-qabar kienet qerdet ħafna oqbra oħra.

Ftit iktar lejn it-tramuntana, fl-inħawi imsejħa "Tad-Dawl", illum mgħottija taħt l-ajruport jew meqruda għal kollox minn ruxmata barrieri, kienu nstabu, fl-1888, fdalijiet sostanzjali ta' bini li jista' jissejjaħ "villa Rumana" (Caruana 1888) [Fig. 5-6, pp. 19-20]. A.A. Caruana, id-direttur tal-Biblijoteka Nazzjonali, li dak iż-żmien kien jitqabbad biex iħaffer kull meta kienu jinstabu fdalijiet arkeoloġiċi bħal dawn, sab numru ta' kmamar kif ukoll ġiebja mdaqqsa li kienet taħżen l-ilma tax-xita minn fuq il-bjut tal-bini. Partijiet tal-ġebel ta' apparat tal-għasir taż-żebbuġ juri li dan il-bini kellu parti minnu ddedikat għall-ipproċessar taż-żejt taż-żebbuġa u, għalhekk, aktarx li kellu għelieqi madwaru mgħottijin bis-siġar taż-żebbuġ. Vilel oħra bħal din misjubin f'inħawi oħra ta' Malta (bħal dik f'Ta' Kaċċatura, f'iż-Żejtun, u f'San Pawl Milqi) jissuġġerixxu li x'aktarx dawn il-"vilel" kienu jeżistu wkoll qabel, fi żmien il-Puniċi. Kienu l-abitanti ta' din il-villa u ta' oħrajn bħalha li kienu jidfnu l-mejtin tagħhom ġewwa l-oqbra ta' madwarhom.

Fdalijiet ta' ħajt kemmxejn misterjużi jinsabu ftit inqas minn kilometru 'l bogħod minn Ħal Kirkop, lejn in-nofsinhar, fi Triq iż-Żurrieq ġewwa Ħal Safi (*M.A.R.* 1913-4: 4; 1966: 5; 1967: 7)(ara ritratt, p. 20). Aktarx li huma ta' żmien ir-Rumani. Il-fdalijiet jikkonsistu f'ħajt dritt, twil iktar minn għoxrin metru. Iż-żewġ filati li baqa' huma ta' ġebel kbir tal-kantun ta' daqs (1.08 bi 0.45 bi 0.45m.) li, normalment, insibuh użat fi żmien il-Feniċi jew fi żmien ir-Rumani, bħal dawk ta' Tas-Silġ. Il-kuntest topografiku tal-ħajt ta' Ħal Safi jaqbel ħafna iżjed ma' dak li jidher fi stampa ta' ħajt bħal dan fil-ktieb ta' Jean Houel lejn l-aħħar tas-seklu tmintax (Houel 1787: 92-3, pl. 255), għaliex qiegħed mal-ġenb ta' triq fuq pjanura, milli l-ħajt ta' Tas-Silġ li, fil-fatt, huwa fuq quċċata ta' għolja. Għaldaqshekk, jidher li Houel żbalja meta taħt din l-istampa kiteb li l-ħajt kien qrib Marsaxlokk.

**Il-Biżantini**

It-tradizzjoni tad-dfin ġo ambjenti maqtugħin fil-blat taħt l-art tkompliet minn l-ewwel insara Maltin lejn l-aħħar tal-ħakma ta' Ruma u fiż-żmien tal-Ħakma

Biżantina. Din ta' l-aħħar bdiet x'aktarx fis-sena 535 w.K. meta Bellisarju, l-ġeneral tal-Imperatur ta' Kostantinopli, Ġustinjanu, ħataf taħt idejh il-gżira il-kbira ta' Sqallija u il-gżejjer iż-żgħar ta' madwarha.

Ftit li xejn nafu mill-kitbiet qodma x'seħħ f'dan iż-żmien, iżda l-fdalijiet arkeoloġiċi jixhdu bidla importanti fit-twemmin reliġjuż tal-abitanti tal-gżejjer Maltin. Għalkemm ma nistgħux ngħidu fiż-żgur li l-oqbra ta' dawn iż-żminijiet u min kien jindifen fihom kienu kollha nsara, ċerti elementi ta' l-arkitettura, l-għamla, id-dekorazzjoni u r-riti funerarji, huma komuni ma' dawk li jagħtu xhieda ċara (bħal simboli u iskrizzjonijiet) tat-twemmin nisrani. Iżda d-data ta' dawn l-oqbra kollettivi, li komunement insejħulhom "katakombi" - minkejja li bosta minnhom huma żgħar ħafna, biżżejjed biex jakkomodaw membri ta' familja waħda - ma tmurx 'lura iżjed mir-raba' seklu w.K. (Buhagiar 1986: 38-42). Dan jikkuntrasta mat-tradizzjoni l-iktar diffuża fost il-Maltin, li l-poplu Malti jaf l-konverżjoni għall-Kristjaneżmu lil San Pawl, li ġarrab in-nawfraġju u qatta' tlett xhur f'Malta fis-sena 60 w.K.

Katakombi żgħir li nstab fl-inħawi ta' Ħal Kirkop u li l-lokalità tiegħu mhix magħrufa huwa dak ta' "Sqaq il-Ħarruba", li nkixef waqt xogħol ta' invellar għal skopijiet militari fl-1943 (*M.A.R.* 1946-7: 5-6). It-trinka ta' għamla rettangolari kienet 2.50m. fonda, u kellha tmien tarġiet. Fuq il-ħajt faċċata tat-tarağ, qatgħa fil-blat kienet tagħti għal kuridur, twil 6m., b'kamra tad-dfin fuq kull naħa. Kull kamra kellha mħadda maqtugħa fil-blat b'ħofra semiċirkolari fin-nofs. Dan it-tip ta' mħadda huwa wieħed mill-elementi tipiċi ta' dawn il-katakombi. It-tarf tal-kuridur kien jiftaħ fin-nofs ta' kuridur ieħor, twil 8m., li kellu ħames kmamar oħra fuq il-ħitan, identiċi għal dawk ta' l-ewwel kuridur, tlieta fuq naħa u tnejn fuq l-oħra. Sfortunatament, il-katakombi kien infetaħ u tbattal f'xi żmien qabel, u mbagħad imtelgħa bir-radam (Buhagiar 1986: 254, fig. 78A) [Fig. 7, p. 22].

Katakombi li nafu fejn jinsab hu dak li kien inkixef fl-1963 waqt xogħol fuq *pitch* tal-futbol maġenb il-mensa tal-uffiċjali tal-*R.A.F.* (*M.A.R.* 1962: 6, fig. 6, pl.6) [Fig. 8, p. 23]. Wara li ntesa għal xi żmien, reġa' nstab fl-1993 waqt xogħol fuq il-Qasam tad-Djar numru 2 (*M.A.R.* 1993: 74). Illum jinsab mitluq f'tarf ir-raħal, u wieħed jawgura li dan il-volum iservi ta' xprun biex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop jerġa' jnaddfu u jagħmlu viżitabbli għall-pubbliku Malti u għat-turisti. Il-fossa ta' għamla kważi trijangolari kienet twassal, wara erba' tarġiet, mill-ewwel għal ġo kamra tad-dfin b'imħadda maqtugħa fil-blat b'żewġ ħofriet semiċirkolari. Kamra oħra identika kienet tintlaħaq minn anti-kamera fuq il-lemin tal-fossa. Barra minn għadam tal-bnedmin, instabu biċċiet tal-

fuħħar, fosthom ta' msiebaħ Rumani bil-monogrammi fuqhom. Dan huwa wieħed mis-simboli ċari ta' l-ewwel insara u xhieda ta' min jorbot fuqha li dawk li ndifnu f'dawn l-oqbra kienu nsara.

Mhux 'il bogħod minn Ħal Kirkop, iżda lil hinn mit-territorju tal-Kunsill tiegħu, hemm katakombi ta' importanza eċċezzjonali, għaliex fih minquxin xeni kumplessi, għalkemm fi stil naïf u primittiv. Dan huwa il-katakombi ta' Ħal Resqun, li l-bokka tiegħu llum sabet ruħha f'nofs ir-*roundabout* ta' bejn il-knisja ta' Bir Miftuħ u l-mina ta' l-ajruport. Hawn min jaħseb li waħda mix-xeni minquxin fuq id-daħla ta' qabar, li turi bust uman b'idejh miftuħa mdawwar b'annimali u ħut u żewġ figuri umani oħra, tirrappreżenta il-Ħolqien kif tirrakkuntah il-Bibbja. Oħrajn jaraw fiha rappreżentazzjoni tal-Ġenna u li t-tlett figuri umani huma l-persuni midfunin ġol-qabar. Xena oħra turi żewġ għasafar, probabilment pelikani, iżoqqu liż-żgħar tagħhom, simbolu ieħor ta' l-ewwel insara (ara wkoll ritratt, p. 21).

## Żmien l-Għarab

Mal-miġja ta' l-Għarab fostna, mhux biss inqata' għal xi mijiet ta' snin it-twemmin nisrani (Wettinger 1986; 1989-90; Brincat 1995: 22-6), iżda nbidlet radikalment it-tradizzjoni tad-dfin tal-mejtin. Il-Musulmani kienu jidfnu l-iġsma imgerrbin sempliċement f'liżar direttament ġot-trab; l-iżjed l-iżjed kienu jibnu bħal tebut miċ-ċangaturi tal-ġebel. Eżempji ta' dawn iż-żewġ xorta ta' dfin instabu f'diversi lokalitajiet ta' Malta, bħaċ-ċimiterju Mislem barra l-Bieb ta' l-Għarreqin ta' l-Imdina (Caruana 1881; MAR 1920-6), iżda mhux fl-inħawi ta' Ħal Kirkop.

## Żmien il-Medjuevu

Il-Medjuevu ra l-gżejjer Maltin jerġgħu jaqgħu taħt ħakkiema nsara u Ewropej, min-Normanni għall-Iżvevi, għall-Anġojini u, fl-aħħar, għall-Anġevini, qabel ma ngħataw lill-Kavallieri ta' Malta li magħhom bdiet l-era moderna. L-anqas għall-Medjuevu m'għandu x'juri fdalijiet arkeoloġiċi Ħal Kirkop; iżda fix-xaqliba tal-punent, imbiegħda biss kilometru, hemm knisja ta' importanza nazzjonali. Waħda minn erba' knejjes żgħar li, għal xi żmien, kienu jaqdu r-raħal ta' Ħal Millieri, raħal li m'għadux jeżisti, bejn l-Imqabba u ż-Żurrieq, il-knisja tal-Madonna tal-Kunċizzjoni hija mżejna b'ċiklu ta' pitturi affreskati li juru xbiehat ta' qaddisin fi stil Biżantinesk (Bautier Bresc 1976). Id-data tagħhom hija lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax, filwaqt li d-data tal-bini tal-knisja hija madwar in-nofs ta' l-istess seklu. Iżda skavi arkeoloġiċi li saru ġewwa l-istess knisja fl-1977 kixfu fdalijiet ta' knisja oħra li kienet tmur għal nofs is-seklu tlettax (Blagg *et al.* 1990).

**Għeluq**

Il-Medjuevu jġibna fit-tmiem ta' din il-ħarsa lejn il-wirt arkeoloġiku ta' Ħal Kirkop li, kif rajna, għalkemm jidher ristrett jekk wieħed jillimita ruħu għat-territorju tal-Kunsill Lokali ta' llum, li huwa arbitrarju, dan jikber bil-bosta kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità jekk wieħed jestendi l-ħarsa tiegħu sa mhux iktar minn kilometru 'l barra mit-truf tar-raħal. Dan għandu jkun motiv biżżejjed ta' kburija għall-Koppin u ta' rieda biex dan il-wirt jibżgħu għalih, jindukrawh u jikkoltivawh.

* *Kitba ta' Anthony Bonanno. Illustrazzonijiet ta' Nicholas C. Vella. Anthony Bonanno huwa Professur ta' l-Arkeoloġija, Kap tad-Dipartiment tal-Latin u l-Grieg kif ukoll ta' l-Arkeoloġija, u Direttur ta' l-Istitut Arkeoloġiku fl-Università ta' Malta. Huwa wkoll konsulent fl-Arkeoloġija f'ħafna oqsma nazzjonali u barra minn Malta Dr. Nicholas C. Vella huwa lecturer fl-Arkeoloġija fl-istess dipartiment, u jispeċjalizza fl-era Punika u fis-surveying arkeoloġiku.*

**BIBLJOGRAFIJA**

BAUTIR BRES, G. 1976. *The paintings at Ħal Millieri*, f'Luttrell (1976: 97-104).

BLAGG, T.F.C., BONANNO, A. u LUTTRELL, A. 1990. *Excavations at Ħal Millieri, Malta*. Malta, *Press* ta' l-Università ta' Malta.

BONANNO, A. 1986. *A socio-economic approach to Maltese prehistory. The temple builders*, f'*Malta* (1986: 17-46).

BONANNO, A. 1993. "Tarxien and Tarxien cemetery. Break or continuity between Temple Period and Bronze Age in Malta?", *Mediterrâneo* **2**.35-47.

BONANNO, A. 1999. *Tarxien, Xagħra Circle and Tas-Silġ. Occupation and re-use of temple sites in the early Bronze Age*, f'Mifsud -Savona Ventura (1999: 209-224).

BRINCAT, J. 1995. *Malta 870-1054. Al Himyari's account and its linguistic implications*, Malta, Said International.

BUHAGIAR, M. 1986. *Late Roman and Byzantine catacombs and related burial places in the Maltese islands*, Oxford, *B.A.R.*

CALVERT, J. 1995. "British team discovers remains of prehistoric dwelling in Gozo", *The Times of Malta* (April 13), 6-7.

CARUANA, A.A. 1888. "Remains of an ancient Greek building discovered in Malta", *American journal of Archaeology* 4. 453.

D'ARRAGON, B. 1994. "Presenza di elementi culturali sui monumenti dolmenici nel mediterraneo centrale", *Rivista di scienze preistoriche* **46.1**.41-85.

EVANS, J.D. 1971. *The prehistoric antiquities of the Maltese islands, a survey*, Londra, Athlone Press.

GUILLAUMIER, A. 1987. *Bliet u rħula Maltin*, Malta, Publikazzjoni Valletta.

HOUEL, J. 1787. *Voyage pittoresque des iles de Sicile, de Malte et de Lipari*. Pariġi (Edizzjoni Taljana, Palermo - Napli, Banco di Sicilia, 1977), **4**.

LUTTRELL, A. (ed.) 1976. *Ħal Millieri, a Maltese casale, its churches and paintings*. Malta, Midsea.

MALONE, C., STODDART, S. u TRUMP, D. 1988. "A house for the temple builders:

recent investigations on Gozo, Malta", *Antiquity* **62**.297-301.
1986. *Malta: Studies of its heritage and history,* Malta, Bank tal-Mid-Med.
*M.A.R.* 1903- . (*Museum Annual Report* 1903-). Malta.
MISSIONE 1964-1973. *Missione archeologica italiana a Malta. Rapporto preliminare della Campagna 1963-1970*, Ruma, Istitut ta' l-istudji tal-lvant qarib, Consiglio Nazionale delle Ricerche.
MIFSUD, A. u SAVONA VENTURA, C. (edi.) 1999. *Facets of Maltese prehistory*, Malta.
PERROT, G. u CHIPIEZ, C. 1885. *History of Art in Phoenicia and its dependencies*, Londra, Chapman and Hall.
SAID-ZAMMIT, G. 1997. *Population, land use and settlement on Punic Malta*, Oxford, Serje internazzjonali tal-*B.A.R.,* **682**.
STODDART, S. 1999. *Long-term dynamics of an island community*, f'R.H. Tykot *et al.* (1999: 137-147).
STODDART, S., BONANNO, A., GOUDER, T., MALONE, C. u TRUMP, D. 1993. "Cult in an island society: prehistoric Malta in the Tarxien period", *Cambridge archaeological journal* **3.1**.3-19.
TRUMP, D.H. 1966. *Skorba*, Londra, Society of Antiquaries.
TYKOT, R.H., MORTER, J. u ROBB, J.E. (edi.) 1999. *Social dynamics of the prehistoric central mediterranean*, Londra, Accordia Research Institute.
VIDAL GONZALEZ, P. 1996. *La isla de Malta en época Fenicia y Punica*, Oxford, Serje internazzjonali tal-*B.A.R.,* 653.
WETTINGER, G. 1986. *The Arabs in Malta*, f'*Malta* (1986: 87-104).
WETTINGER, G. 1989-90. "Did Christianity survive in Muslim Malta? -further thoughts; Christians in Muslim Malta?; Malta under the Arabs", *The Sunday Times* (Malta), (Nov. 19, 1989; Frar 18, 1990; Apr. 8, 1990).
WETTINGER, G. 2000. *Place-names of the Maltese islands ca. 1300-1800*, Malta, P.E.G.




Mappa ta' Ħal Kirkop
*(Figura 1 minn Dr N.C. Vella)*



Il-Menħir ta' Ħal Kirkop
*(Ritratt minn B. Caruana)*




*a. Il-menħir ta' Ħal Far*



*b. Il-menħir ta' Ħal Kirkop*




*ċ. Il-menħir f' Ta' Għammar*

Il-Menħir
*(Figura 2 minn Dr N.C. Vella)*



Birmiftuħ: Ġebel Kbir fuq Ċisterna
*(Ritratt minn Prof. A. Bonanno)*



Birmiftuħ: Megaliti ta' Dawret il-Gudja
*(Ritratt minn Prof. A. Bonanno)*



a. Disinn ta' Houel minn Perrot & Chipiez 1885, fig. 261




b. Elevazzjoni ta' waħda mill-faċċati tal-binja Punika. Minn disinn fl-arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija.

Iż-Żurrieq: Binja Punika
*(Figura 3 minn Dr N.C. Vella)*




Huttaf Gandolf: Qabar
*(Figura 4 minn Dr N.C. Vella)*




Tad-Dawl: *Villa Romana*

*(Figura 5 minn Dr N.C. Vella)*




Tad-Dawl: Magħsar f'*Villa Romana*
*(Figura 6 minn Dr N.C. Vella)*



Ħal Safi: Ħajt Ruman
*(Ritratt minn Prof. A. Bonanno)*



Ħal Safi: Katakombi tax-Xarolla
*(Ritratt minn Prof. A. Bonanno)*



L-Imqabba: Katakombi tal-Mintna
*(Ritratt minn Prof. A. Bonanno)*




Ħal Kirkop: Sqaq il-Ħarruba: Katakombi
*(Figura 7 minn Dr N.C. Vella)*




Ħal Kirkop: Qasam tad-Djar 2: Katakombi
*(Figura 8 minn Dr N.C. Vella)*